MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Carmelo Mifsud
vs
Chairman Telemalta Corporation u b'digriet tas-17 ta' Novembru 1999 giet korretta u Maltacom p.l.c. bhala successur ta' l-istess

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta tal-1989, ir-rikorrent kien sofra ingustizzja konsistenti fil-fatt li kien gie maqbuz fl-ghoti tal-promozzjonijiet.
Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrent kien dahal fl-ingagg tal-Korporazzjoni Telemalta fl-1979.

Illi r-rikorrent kien kuntent fl-impjieg tieghu u dejjem wera interess sabiex javvanza fix-xoghol u fil-pozizzjoni tieghu, u ghal dan il-ghan kien issottometta lilu nnifsu ghal diversi ezamijiet li ikkonkluda b'sodisfazzjon kif jirrizulta mic-certifikati annessi mar-rikors u li gew immarkati bhala Dok A, Dok B, u Dok C.

Illi r-rikorrent kien gie trasferit ghal mad-Drawing Office fi hdan il-Korporazzjoni u gie assenjat xoghol ta' Planning.

Illi ghal darb'ohra r-rikorrent kien ha interess fix-xoghol tieghu u rega' attenda korsijiet ohra f'dan is-sens kif jidher mic-certifikati gja indikati.

Illi fis-sena 1989 kienu saru sejhiet ghall-grad ta' TOI (illum maghrufa bhala STO) ghal liema sejha r-rikorrent kien issottometta l-applikazzjoni tieghu.

Illi meta hargu r-rizultati r-rikorrent kien gie maqbuz u l-vakanza mtliet min-nies li la kellhom il-kwalifiki, seniority jew l-esperjenza tieghu u dan kif gie spjegat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalkemm huwa ma kienx gie moghti din il-promozzjoni is-superjuri tieghu, sew qabel l-applikazzjoni ghall-grad indikat, kif ukoll wara l-ghoti tal-grad, kienu baqghu jassenjaw xoghol lir-rikorrent tal-grad ta' STO (qabel TO1) liema xoghol r-rikorrent kien dejjem esegwixxa u dan kif jirrizulta mid-dokument immarkat bhala Dok E.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib bi prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent filwaqt li ghamel referenza ghal fuq espost u rriserva li jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi (1) jigi dikjarat illi r-rikorrent sofra ngustizzja meta huwa gie maqbuz u mtellef

il-promozzjoni ghall-grad ta' TOI illum STO. (2) Illi jigi moghti l-promozzjoni ghall-grad ta' STO b'lura mis-sena 1989 flimkien ma' dawk il-benficcji marbuta ma' l-istess promozzjoni minghajr ma jitlef id-dritt tieghu ghall-kwalunkwe promozzjoni ohra spettanti lilu (3) kumpens ta' Lm5000 sabiex jaghmlu tajjeb ghall-agir diskriminatorju fil-konfront tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezenti mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:-

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjoni ghall-grad ta' Technical Officer I kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika pero` ma kienx ikkwalifika u ghalhekk ma setax jinghata l-promozzjoni.

3. Illi minn massimu ta' 100 marka ir-rikorrent gab biss 29 marka. Dawn kien mqassmin hekk: 5 marki minn 30 marka ghas-snin ta' servizz; 5 marki minn 20 marka ta' l-esperjenza; 5 marki minn 15-il marka ghall-kwalifiki; 4 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 6 marki minn 10 marki ghal Taghrif Generali u 4 minn 5 marki ghal personalita`.

4. Illi dwar l-allegazzjoni li impjegati b'inqas esperjenza, seniority u kwalifiki minnu kienu nghataw promozzjoni, il-korporazzjoni rrizervat li tikkummenta u tressaq ix-xhieda u l-provi taghha wara li r-rikorrent jaghti dettali ahjar.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li l-ingagg tieghu mas-Socjeta` Maltacom p.l.c. gja Telemalta Corporation kienet f'Marzu 1979. Wara ftit taz-zmien lahaq TTI. Wara ftit taz-zmien lahaq W.T.O. Qal li kemm dam f'dik il-kariga hu kien jerfa' responsabbilitajiet hafna oghla minn dawk li attwalment kienu jaqghu fil-kompetenza tieghu u cioe` dik ta' STO. Ir-rikorrent kien wera interess fix-xoghol tieghu u kien attenda ghal diversi korsijiet u qaghad ghall-ezamijiet relatati max-xoghol tieghu.

Fl-1990 kienet harget sejha ghall-grad ta' S.T.O. u r-rikorrent applika izda ma giex maghzul. Ir-rikorrent qal li c-Chairman tal-Bord tal-ghazla kien l-Inginier Balzan, bniedem illi qatt ma kellu x'jaqsam mad-Drawing Office. Ir-rikorrent qal li hu qatt ma kellu diffikultajiet ma' l-Inginier Balzan waqt ix-xoghol u l-Inginier kien jafu sewwa lir-rikorrent. Il-mistoqsijiet li gew indirizzati lilu kienu kollha konnessi mas-sengha ta' l-elettriku u xejn dwar drawing u ippjanar li kellu jkun il-qofol ta' dak l-interview. Meta hargu r-rizultati sar jaf li certu M. Enriquez, li kien jokkupa l-kariga ta' TTI, u dan minghajr ma kien jokkupa l-gradi TTII u TTIII, li huma gradi precedenti ghall dak ta' STO, gie moghti l-grad ta' STO. Semma li Enriquez kien dahal mal-Korporazzjoni qablu izda r-rikorrent kien ghamel zewg courses Drawing Office u ghalhekk spicca fid-Drawing Office izda dawn il-korsijiet ghamilhom wara l-interview u mhux qabel. Ma jafx xi kwalifiki kellu Enriquez.

Ir-rikorrent hass li fil-konfront tieghu kienet saret ingustizzja u sostna li kulhadd kien jaf li kien qed jaghmel ix-xoghol ta' certu J. Baldacchino li kien ilu li ha l-grad ta' STO. Hu beda joggezzjona li jkompli jaghmel xoghol

ghola mill-grad tieghu u b'konsegwenza tal-oggezjonijiet tieghu kien ircieva transfer mill-exchange ta' B'Kara ghal dak taz-Zejtun.

Xehed Michael Zammit li kien jahdem mal-Maltacom u kien in charge mid-Drawing Office taz-Zejtun u r-rikorrent kien wiehed minn nies li kien jahdem tahtu. Qal li hu diversi drabi kien iqabbad lir-rikorrent jaghmel mhux biss xogholu izda anke xoghol li kien superjuri ghall-livell tar-rank tieghu. Il-grad tar-rikorrent dak iz-zmien kien TTIII u qal li r-rikorrent kien applika ghal xi promozzjoni. Ix-xhud ma kellux x'jaqsam mal-interviews u ma kellux idea li r-rikorrent kien ha dik il-promozzjoni. Semma li x-xoghol taghhom kien planning u records bil-planning ikun superjuri ghar-records minhabba li trid tkun hafna aktar immaginattiv. Zammit qal li r-rikorrent ma kienx joggezzjona li jaghmel dak ix-xoghol superjuri. Propjament dak ix-xoghol ma kienx jaghmlu TTIII kif kien ir-rikorrent izda TO I.
Xehed Guido Bartolo li kien Senior Technical Executive li semma li lir-rikorrent jafu ghax kien jahdem fid-drawing office. Is-superjur tar-rikorrent kien Michael Zammit u x-xhud kien superjur fuq Michael Zammit. Qal li d-drawing office kien imqassam f'diversi sections u Bartolo kien fuq id-drawing offices kollha. Meta kienu jiddiskutu xogholhom anke ma' Michael Zammit, dejjem iddiskriva lir-rikorrent li jaghmel xogholu mill-ahjar. Ix-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent kien xoghol ta' ippjanar ta' cables. Ma ftakarx ezattament x'kien jaghmel ir-rikorrent fir-rigward tax-xoghol izda qal li x-xogholijiet li kien iqabbdu Michael Zammit, tajjeb kien jaghmilhom.

Xehed David Buttigieg li pprezenta r-rapport tal-bord tal-ghazla dwar il-promozzjonijiet ghal Technical Officer I fl-1989. Dwar is-snin ta' servizz li kien hemm fir-rapport ta' l-ghazla qal li hemm imnizzel 5 marki izda mhux necessarjament kien ilu 5 snin. Ma setax jghid kif inghataw il-punteggi ghall-kriterji ta' years of service u kif kienu stabbiliti, x' seta gara u kif kienet l-allokazzjoni tal-marki ghas-snin ta' servizz ghax hu ma kienx fil-bord. Qal li ghal 11-il sena r-rikorrent inghata 5 marki. Ma kienx jaf l-anqas fuq x' hiex giet ibbazata l-esperjenza. Mistoqsi kif

Michael Enriquez minn TTI sar TOI qal li s-sejha ghall-applikazzjoni kienet miftuha anki ghal min kien TTI.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent applika ghall-promozzjoni ta' Technical Officer I in segwitu tal-applikazzjonijiet li hargu fit-23 ta' Gunju 1989. Irrizulta li r-rikorrent kien haddiem dedikat u kien hemm xi nies li qalu ghal certu zmien ghamel xoghol superjuri ghall-grad tieghu. Dan it-Tribunal ghal dan il-grad uza dejjem il-kunsiderazzjonijiet li ta fil-kawza fl-ismijiet Joseph Mallia vs Chairman Maltacom p.l.c. deciza fis-6 ta' Novembru 2001 fejn intqal:

**"Allokazzjoni Generali ta' Marki:**
Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe`:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista' jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed

mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f'minuta, tnejn f'interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f'idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe' il-kriterju ta' kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta' liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'. Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | **15**% |
| Kwalifiki | **25**% |
| Mistoqsija Teknika | **15**% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

Analisi tar-Rizultati:

Fuq l-aspett tas-**snin ta' servizz** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **experience** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata

17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.
Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja."

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**
Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 30%; ghalhekk il-marka tar-rikorrent li dahal mat-Telemalta fl-1979 triq tigi mibdula ghal 10;
Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; ir-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' TTIII u wara li ezamina x-xhieda

moghtija jhoss li kien haqqu 10 marki;  bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 8;
Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 8;
Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-mark ssir 3;
Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 6; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%;  it-Tribunal ihalli l-istess marki ta' 6;
Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; ghalhekk jibqa' bl-istess marka ta' 4.

Dan igib it-Total ghal 39.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat, u jichad it-talba tar-rikorrent.  Izda f' dan l-istadju t-Tribunal ihoss li ghandu jikkumpensa lir-rikorrent ta' xoghol superjuri ghall-grad tieghu li l-istess rikorrent ghamel ghal certu zmien. Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciza fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:
"Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu.  Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi.  Dan pero' irid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz."

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta' Novembru 2000 it-Tribunal qal:

"Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih id-dritt ghall-promozzjoni."

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta deciza fis-6 ta’ Dicembru, 2000.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li t-Tribunal jichad it-talba principali tar-rikorrent ihoss li r-rikorrent jinghata kumpens ta’ elf lira Maltin (Lm1000) ta’ xoghol superjuri ghall-grad tieghu.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------